

V

(Avviżi)

## PROĊEDURI TAL-QORTI

## IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Finanzgericht Baden-Württemberg (il-Ġermanja)  
fit-13 ta' Ġunju 2019 – WEG Tevesstraße vs Finanzamt Villingen-Schwenningen**

(Kawża C-449/19)

(2019/C 348/02)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż***Qorti tar-rinviju**

Finanzgericht Baden-Württemberg

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: WEG Tevesstraße

Konvenut: Finanzamt Villingen-Schwenningen

**Domanda preliminari**

Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (¹) għandhom jiġu interpretati fis-sens li dawn jipprekludu leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li permezz tagħha l-kunsinna ta' sħana minn assoċċajonijiet ta' proprjetarji ta' kondominji lill-proprjetajri tal-appartamenti hija eżenti mit-taxxa fuq il-valur miżjud?

---

(¹) ĠU 2006, L 347, p. 1, rettifika fil-ĠU 2007, L 335, p. 60.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Amtsgericht Straubing (il-Ġermanja) fid-19 ta' Ġunju 2019 –  
B & L Elektrogeräte GmbH vs GC**

(Kawża C-465/19)

(2019/C 348/03)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż***Qorti tar-rinviju**

Amtsgericht Straubing